



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9547/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0080 (NLE)

MAMA 82
MED 24
ISR 4

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni
bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom,
mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael,
mill-parti l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni
tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ĠU C [...], [...], p.[...].

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra¹ ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fl-20 ta' Novembru 1995. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2000.
- (2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ma' dan il-Ftehim irid ikun hemm qbil dwarha permezz ta' protokoll mal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-Istat ta' Iżrael .
- (4) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istat ta' Iżrael . In-negozjati ġew konklużi b'suċċess.

¹ ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/...¹⁺, il-Protokoll tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea għe ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fi [...]fi [...] ⁺⁺.
- (6) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L[...], [...], p.[...].

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni fid-dokument st 9546/18 u kkompleta in-nota ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal il-post u d-data tal-iffirmar.

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, , f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 7(1) tal-Protokoll, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jkunu marbuta bil-Protokoll.²

¹ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU [...] flimkien mad-Deċizzjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta in-nota ta' qiegħ il-paġna.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
